# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMĦALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Illum, 31 ta' Jannar 2022**

**Rik. Nru. : 86/2019 JPG**

**Kawza Nru.: 25**

**GD**

**Vs**

**LD**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' GD datat 24 ta' Mejju 2021, li wara li iddikjarat dak premess, talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. *Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li teżisti bejn il-partijiet u dana ai termini tal-artikolu 55 tal Kap 16, kif ukoll,*
2. *Tordna li l-istess ordni tiġi nnotifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u timponi fuqu terminu, sabiex l-istess ordni tiġi debitament reġistrata minn l-istess direttur.*

Rat li l-atti tar-rikors u d-dokumenti esebiti flimkien mad-digriet ta' din il-Qorti ġew debitament notifikati skont il-liġi.

Rat ir-risposta tal-intimat LD, datata 9 ta' Ġunju 2021, fejn wara li iddikjara dak premess, sostna illi:

*"... l-Onorabbli Qorti ma għandhiex tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju tal-proċeduri, u dan billi fid-dawl ta' dana kollu, it-terminazzjoni ta' komunjoni tal-akkwisti tarreka preġudizzju sproporzjonat fuqu, u għalhekk skond il-liġi, din it-terminazzjoni ma għandhiex tiġi ippronunzjata."*

**Ikkonsidrat**:

Dan huwa digriet dwar talba magħmula mir-rikorrenti GD permezz ta' rikors datat 24 ta' Mejju 2021 fejn hija talbet lil din l-Onorabbli Qorti 1) Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li teżisti bejn il-partijiet u dana ai termini tal-artikolu 55 tal Kap 16, kif ukoll, 2)Tordna li l-istess ordni tiġi nnotifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u timponi fuqu terminu, sabiex l-istess ordni tiġi debitament reġistrata minn l-istess direttur.

Illi ir-rikorrenti tispjega illi l-partijiet qieghdin fi proċeduri ta' separazzjoni u ma hemmx prospett ta' rikonċiljazzjoni. Sostniet ukoll illi mill-provi prodotti, hemm stampa ċara tal-assi u l-investiment li għandhom il-partijiet kemm parafernali kif ukoll tal-komunjoni. Iddikjarat li z-zewg partijiet ghandhom impjieg. Ir-rikorrenti tgħid li jidher li l-kontestazzjoni tal-kawża hija fuq id-dar matrimonjali, stante li din hija proprjeta parafernali tar-rikorrenti u l-intimat jallega li twettqu benefikati u ammeljoramenti fiha, b'dana li dawn il-konteġġi jistgħu jsiru facilment fis-smiegh tal-kawza. Issostni li t-talba tagħha bl-ebda mod ma tippreġudika lill-intimat, anzi tgħid li huwa fl-interess taż-żewġ partijiet li jkunu jistgħu jaġixxu f'atti ċivili mingħajr il-kunsens ta' xulxin kif ukoll ma jibqgħux responsabbli għad-djun ta' xulxin. Finalment ir-rikorrenti kkonfermat fir-risposta ġuramentata, li l-intimat ma oġġezzjonax għat-talba tar-rikorrenti għax-xoljiment u t-terminazzjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti u anke ressaq huwa stess it-talba fil-kontro talba intavolata minnu.

Illi da parti tiegħu, l-intimat jirritieni li l-uniku benefiċċju bit-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti huwa biss dak li ser takkwista ir-rikorrenti. Jgħid li mhux minnu li l-unika kontestazzjoni tal-kawża hija fuq id-dar matrimonjali, iżda il-kwistjoni hi tal-benefikati u l-ammeljoramenti hija biss waħda mill-kwistjonijiet fil-kawża odjerna. Illi l-intimat jsostni li l-ikbar kontestazzjoni tiegħu tikkoncerna il-preljevi sostanzjali mill-fondi tal-komunjoni li wetqet ir-rikorrenti, li ħbiet minnu assi li suppost jifformaw parti mill-kommunjoni tal-

akkwisti. Jgħid li huwa minnu li l-kawża ġiet intavolata f'Marzu tal-2019, iżda fil-fatt il-provi għadhom fi stadu inizjali tagħhom tant li fir-rigward tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti inżammu biss żewġ seduti u li huwa għadu lanqas beda jipproduċi l-provi tiegħu.

Siccome ir-rikorrenti qed tahbi l-assi, huwa ma għandux stampa ċara tal-assi kollha formanti parti mill-komunjonii Jsostni li riċentament huwa skopra li r-rikorrenti għamlet diversi investimenti f'isimha biss b'fondi appartenenti lill-komunjoni. Inoltre, iddikjara li bil-fondi moħbija tal-komunjoni, ir-rikorrenti tkun tista takkwista proprjeta fuq isimha biss. Jgħid li għaldaqshekk it-terminazzjoni tal-komunjoni pendenti lite huwa ta' preġudizzju sproporzjonat għalih.

**Ikkonsidrat**:

Illi dan huwa digriet wara talba maghmula mir-rikorrenti permezz tar-rikors tal 24 ta' Mejju 2021 fejn talbet lil dina l-Qorti tordna il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konvenuta u l-attur u dana ai termini tal-artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili.

Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:

> ***"Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni talakkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin."***

Skond is-subinciz (2) tal-istess artikolu, l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni ghandha tinghata b'sentenza u skont is-subinciz (3) l-ordni tal-waqfien tkun tghodd minn meta s-sentenza tghaddi in gudikat. Illi r-raba sub-inciz tal-istess artikolu imbaghad jipprovdi illi:

> "***Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-Qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.***"

Illi bhala regola, il-Qorti ghandha xxolji l-istess komunjoni tal-akkwisti, salv ghal dawk il-kazi eccezzjonali fejn jigi sodisfacentement ippruvat illi l-waqfien ser igib mieghu preguddizzju mhux proporzjonat lil xi parti jew l-ohra.

F'dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjamenti tal-Qorti tal-Appell, fejn fis-sentenza: **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs. Michael Lowell**, Deciza fit-30 ta' Ottubru 2015 fejn intqal:

> "***Fil-fehma tal-Qorti l-ezercizzju li trid taghmel il-Qorti huwa maqsum primarjament f'zewg stadji. Fl-ewwel stadju l-Qorti tezamina jekk l-oggezzjoni jew l-oggezzjonijiet imressqa humiex oggettivament rilevanti ghall-finijiet stretti talartikolu 55 sub-inciz 4. F'kaz li l-oggezzjoni tissupera l-ewwel gharbiel jehtieg li l-Qorti tghaddi sabiex tevalwa l-provi u s-sottomissjonijiet imressqa sabiex tiddeciedi jekk l-oggezzjoni, oggettivament rilevanti, hiex sorretta mill-provi u allura jekk lintimata ippruvatx sodisfacentement illi fl-ewwel lok ser tbati pregudizzju u fit-tieni lok, dejjem jekk jirrizulta pregudizzju, jekk tali pregudizzju hux proporzjonat jew le. Ezami tal-artiklu 55(4) juri illi mhux kull pregudizzju li tista' tivvanta xi parti b'opposizzjoni ghal sentenza in parte ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jikkwalfika bhala ostaklu ghall-pronunzja ta' tali sentenza.***
>
> ***Is-sub inciz 4 tal-artikolu 55 jipprovdi illi l-Qorti ghandha tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm il-darba xi parti ma tkunx ser tbati pregudizzju mhux proporzjonat.***

Dina l-Qorti taghmel taghha li-insenjamenti tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2015 fejn gie ddikjarat illi:

> "**l-*pregudizzju mhxu proporzjonat ghandu jigi ppruvat minn min jallegah u dana ai termini tal-principju stabbilit fil-gurisprudenza taghna li minn jallegah jrid jipprova ossia illi l-oneru tal-prova incumbit ei qui dicit non ei qui negat;***

Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Familja fejn qieset li l-intimat ma kienx ser isofri pregudizzju sproporzjonat bit-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti filmori tal-kawza. Ghall-kuntrarju, gie kkonsidrat mill-Qorti tal-Appell li t-terminazzjoni tal-komunjoni kien ser igib beneficcju inkwantu jevita li xi parti jew ohra taghmel xi dejn li, 'l quddiem, ikun jista' jigi addebitat lill-komunjoni.

Illi wkoll fil-kawza su indikata, u cioe dik fl-ismijiet: Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell, il-Qorti tal-Appell apparti li kkonfermat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ntqal wkoll:

> ***"...il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twafqet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qeghedin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici"***

In vista tal-ligi u tal-gurisprudenza li qed issir referenza ghalihom, din il-Qorti sejra tikkonsidra jekk l-oggezzjonijiet sollevati mill-intimat humiex: 1. Relevanti għall-finijiet tal-Artikolu 55; u 2. Humiex tali li jissarrfu fi preġudizzju mhux proporzjonat u konsegwentement jiġġustifikaw iċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrenti għall-waqfa tal-komunjoni tal-akkwisti sal-lum viġenti bejn il-partijiet.

Il-Qorti tibda billi tirrileva illi l-waqfien tal-komunjoni jsehh meta s-sentenza tal-Qorti tghaddi in gudikat u bl-ebda mod ma jkollha effett retroattiv. Il-Qorti dejjem ikkunsidrat illi dak li sallum huwa formanti mill-komunjoni tal-akkwisti ser jibqa` hekk sakemm ikun hemm ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u d-decizjoni dwar id-divizjoni tal-proprjeta` tal-partijiet. Dana qieghed jinghad fid-dawl tal-fatt li dak li qed titlob ir-rikorrenti li huwa biss li l-istess komunjoni tal-akkwisti tieqaf u ma tibqax fis-sehh, u mhux il-likwidazzjoni tal-istess komunjoni f'dan l-istadju. Dan huwa konformi mal-insenjament tal-Qorti tal-Appell (fil-kawza su indikata, u cioe dik fl-ismijiet: Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell) fejn ġie ritenut illi:

> ***Il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twaqqaf il-komunjoni***

***ghax il-waqfien tal-komunjoni jirriferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga dahlu u qeghdin fil-komunjoni anke jekk ad isaputa tal-attrici.***

**Ikkonsidrat:**

Applikati il-Legislazzjoni u l-gursprudenza fuq indikati, il-Qorti ikkonsidrat kemm-il darba bix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti l-intimat ser jbaghti pregudizzju, u jekk dan il-pregudizzju jikkwalifikax bhala pregudizzju 'mhux proporzjonat.'

Il-Qorti qiset illi l-ogezzjoni tal-intimat hija ankrata fuq il-fatt li r-rikorenti dejjem ħbiet minnu l-assi formanti parti mil-komunjoni, u li konsegwentement huwa ma għandux stampa ċara tal-assi kollha formanti parti mill-komunjoni. Di piu', allega li r-rikorrenti użat fondi tal-komunjoni biex xtrat investimenti f'isimha biss. Inoltre, hemm il-biza reali li bil-fondi moħbija tal-komunjoni, l-attriċi tista takkwista proprjeta f'isimha biss.

Hija l-fehma konsiderata ta din il-Qorti li l-oggezzjonijiet tal-intimat ghat-talba in dizamina hija raġonevoli, u tikkwalifika bhala pregudizzju mhux proporzjonat.

**Għaldaqstant, il-Qorti tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti f'dan l-istadju tal-proceduri.**

**Spejjes riservat ghal-gudizzju finali**

**Moqrija.**

**Mħallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LLM (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Reġistratur**